8 ta' Marzu, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

*Carmelo Mifsud et. versus Maria Giordano et.*

**Testment — Impunjazzjoni — Insanità Mentali tat-Testatur — Demenza — Kapaċità Testamentarja — Prova — Intervall Luċidu — Art. 634 (d) tal-Kodiċi Civili.**

*Il-liġi tammetti latitudini konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta' l-istat mentali in kwantu jirriferixxi ruħu għall-kapaċità testamentarja. U ġiet sostnuta b'suċċess il-validità ta' testment magħmul minn persuna li kienet "a priori" turi kapaċità dubbja, imma li ġie pruvat li kellha intelliġenza suffiċjenti, għalkemm inferjuri għall-medja, għall-eżerċizzju legali tad-dispożizzjoni ta' ħwejjiġha. B'mod li, f'materja ta' validità ta' testmenti, il-kwistjoni kollha tirraġġira ruħha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsab f'kondizzjoni mentali tali, minħabba fl-inkapaċità naturali, l-età avanzata, mard jew insanità, li jifhem li dak li jkun qiegħed jagħmel bit-testment mill-istess proprjetà tiegħu jkun qiegħed iħallieh lil "ċerta" persuna jew persuni, li jifhem il-portata ta' l-estensjoni ta' l-assi tiegħu, u li jifhem in-natura u l-effetti ta' l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta' dawk il-persuni li jiġu esklużi bit-testment tiegħu.*

*Fir-riċerka dwar l-istat mentali tat-testatur il-kriterji li jistgħu jiġu segwiti huma diversi u varjati. Fost dawn il-kriterji hemm il-valjazzjoni tad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment impunjat. U fl-eżami ta' dawn id-dispożizzjonijiet jitnissel konvinċiment aktar sod tant mill-fatt ta' l-eżami ta' l-aħħar volontà per sè, li jista' joffri bħala indizju l-istat mentali tat-testatur, kemm ukoll mill-motiv jew motivi li jispiraw it-testatur, speċjalment jekk dawk il-motivi jkunu ġew espressi mit-testatur fil-waqt tat-testment jew fl-okkażjoni meta jkun qiegħed jiġi kontemplat dak l-att solenni; u fl-aħ-*

*ħarnett mill-kondizzjonijiet mentali u fiżiċi tat-testatur fil-mument meta jkun għamel it-testment impunjat.*

*Ir-regola tal-liġi li huma nkapaċi jiddisponu minn ħwejjiġhom dawk li ma jkunux f'sensihom għandha tiġi provveduta u sostanzjata minn min ikun qiegħed jattakka t-testment minħabba l-inkapaċità; u min jimpunja testment għal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obligat jipprova dak il-vizzju, iżda l-prova tiegħu għandha tkun tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iż-żmien prossimu meta sar it-testment.*

*Fl-ipotesi tal-vizzju tal-menti abitwali, pruvata l-abitwalità, it-testment magħmul mill-persuna hekk kolpita għandu jiġi preżunt li huwa invalidu, jekk min isostni l-validità tiegħu ma jippruvax li dak it-testment sar f'mument ta' intervall luċidu.*

*Imma għall-validità ta' testment huwa biżżejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew aħjar li jkun jaf u jifhem x'ikun qed isir, u li fil-fatt ikun sar, b'mod li mhux imprexindibilment meħtieġ li l-volontà intelliġenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorożament sana.*

*Fuq l-iskorta ta' dawn il-prinċipji, u wara eżami dettaljat taċ-ċirkustanzi tal-każ, il-Qorti f'dan il-każ irriteniet illi t-testment impunjat minħabba l-allegata insanità mentali tat-testatur kien validu.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 299 tat-12 ta' April 1948, li bih l-atturi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi fit-30 ta' Jannar 1948 (dok. A) miet l-imsemmi Giuseppe Mifsud, ħu l-attur Carmelo u ziju matern ta' l-atturi l-oħra, b'testment pubblikat min-Nutar Dr. Giuseppe Sammut fit-5 ta' April 1947 (dok. B), fejn ħalla (a) b'titolu ta' prelegat lill-konvenuta Luigia sive Lulù Cefai, bint Angiolino, terran tas-Sliema, Prince of Wales Junction, no. 21, u s-somma ta' £50, u (b) b'titolu ta' legat in-nofs indiviż tal-wirt tiegħu, tant mobiljari kemm immobiljari, lill-konvenuti l-oħra; u billi t-testatur, meta għamel dak it-testment, ma kellux il-kapaċità li trid il-liġi, għax kien marid minn moħħu u ma kienx jaf x'kien qiegħed jagħmel; talbu li (1) l-imsemmi testment jiġi dikjarat null u mingħajr ebda effett, għar-raġunijiet fuq esposti u għal dawk l-oħra kollha li jirriżultaw il-quddiem, u (2) jiġi nominat sekwestratarju ġudizzjarju biex jamministra s-sustanzi tal-wirt ta' l-imsemmi Giuseppe Mifsud fl-interess ta' dawk li l-quddiem ikunu dikjarati li hu-

ma l-werrieta tiegħu. B'riżerva ta' azzjonijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, jew min minnhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża u provi jidher li fit-30 ta' Jannar 1948 (dok. A, fol. 6) miet Giuseppe Mifsud, b'testment publikat fl-attijiet tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut tal-5 ta' April 1947 (dok. B, fol. 8), fl-Isptar tal-Blue Sisters, San Ġiljan, liema testment qiegħed jiġi attakkat bħala null mill-atturi għall-allegata raġuni li d-decujus kien marid minn moħħu u ma kienx jaf x'kien qiegħed jagħmel. Jirriżulta wkoll li Giuseppe Mifsud, li kellu 68 sena, kien miżżewweġ ma' Rosaria neé Gatt u kellu tifel wieħed, ċjoè l-Avukat Dr. Giovanni Mifsud, imma tant martu kemm ibnu mietu qablu, u ċjoè rispettivament fit-28 ta' Marzu 1947 u f'Lulju 1945, bla ma laħqu għamlu ebda dispożizzjoni testamentarja. Jidher ukoll li fl-1 ta' Awissu 1947 id-decujus kien irrilaxxja lill-Avukat Dr. Giovanni Felice prokura fl-attijiet tan-Nutar John Micallef Trigona, kif ukoll li fit-13 ta' Diċembru 1947 ġie rilaxxjat ċertifikat mit-tobba Dr. Antonio Paris u Dr. Carmelo Jaccarini dwar l-istat mentali ta' Giuseppe Mifsud, fis-sens li l-istess perizjand kien allura jinsab fi stat avanzat ta' demenza arteriopatika, li in konsegwenza tagħha mentalment kien inkapaċi għal kollox għal dawk li huma attijiet tal-ħajja ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi jidher unanimament ċar mid-dottrina u l-ġurisprudenza li l-liġi tammetti latitudini konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta' l-istat mentali in kwantu jirriferxxi ruħu għall-kapaċità testamentarja. Tabilħaqq, ġiet sostnuta b'suċċess il-validità ta' testment magħmul minn persuna li kienet "a priori" turi kapaċità dubbja, imma li ġie pruvat li kellha intelliġenza suffiċjenti, għalkemm inferjuri għall-medja, għall-eżerċizzju legali tad-dispożizzjoni ta' ħwejjiġha. Minn dana jitnissel li l-kwistjoni kollha, f'materja ta' validità ta' testmenti, tirraġġira ruħha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f'kondizzjoni mentali tali, minħabba fl-inkapaċità naturali, età avanzata, mard jew insanità, li jkun kapaċi li jifhem li dak li jkun qiegħed iħalli bl-aħħar att tal-volontà mill-istess proprjetà tiegħu jkun qiegħed iħallieh lil "ċerta" persuna jew persuni, jekk

jifhemx mentalment il-portata ta' l-estensjoni ta' l-assi tiegħu, u jekk ikunx inkapaċi li jifhem in-natura u l-effetti ta' l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta' dawk il-persuni li jiġu esklużi bit-testment tiegħu;

F'dina r-riċerka dwar l-istat tal-menti tat-testatur, il-kriterji li jistgħu jiġu segwiti huma diversi u varjanti; imma għas-soluzzjoni tal-kawża preżenti dina l-Qorti, li ħasset l-espedjenza li taħtar perit psikjatra—prova probatorja permessa mill-liġi (ara Appell 28 ta' Mejju 1926 in re "Danastas vs. Danastas", Vol. XXVI, P. I, paġ. 498, u Prim'Awla Civili 20 ta' Awissu 1941, in re "Joseph Vassallo et. vs. Avukat Dr. T. Caruana ne.", Vol. XXXI, P. II, paġ. 41)—sejra tuża mill-valur u piż (1) tan-notizji forniti mix-xhieda (parenti, ħbieb u konoxxenti tal-mejjet testatur), salva, s'intendi, kif trid il-liġi, bażata fuq il-loġika naturali, il-valjazzjoni tagħhom, (2) ta' dawk ir-responsi jew dikjarazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw mit-tobba kuranti tad-decujus, u (3) mill-istess testment. Dwar dan l-aħħar mezz ikun imfisser aħjar il-ħsieb tal-Qorti jekk jingħad li jitnissel konvinċiment aktar sod tant mill-fatt ta' l-eżami ta' l-aħħar volontà per sè, li jista' joffri bħala ndizju l-kondizzjonijiet mentali tad-decujus, kemm ukoll mill-motiv jew motivi li jidħru jew jistgħu jiġu pruvati li jispirawh, speċjalment jekk dawk il-motivi jkunu ġew espressi mit-testatur jew fil-waqt tat-testment jew fl-okkażjonijiet meta jkun qed jiġi kontemplat dak l-att solenni, u fl-aħħarnett mill-kondizzjonijiet mentali u fiżiċi tat-testatur fil-mument meta huwa jkun għamel l-istess att ta' l-aħħar volontà tiegħu, li jkun qiegħed jiġi attakkat bin-nullità;

Ikkunsidrat;

Illi r-regola mniżżla fl-art. 634 (d) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Ediz. Riv. li huwa inkapaċi jiddisponu minn ħwejjiġhom dawk li ma jkunux f'sensihom, għandha tiġi provduta u sostanzjata minn min ikun qiegħed jattakka t-testment minħabba fl-inkapaċità. Fil-verità, it-testatur mhux interdett għandu jiġi preżunt, salva l-prova "in contrario", ta' menti sana fil-waqt tat-testment. Min jimpunja testment għall-vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obligat jipprova dak il-vizzju, iżda l-prova tiegħu għandha wkoll tikkolpixxi l-mument stess jew żmien prossimu meta l-istess testment jiġi magħmul;

*il-għaliex il-fattijiet, jew aħjar l-eżistenza ta' difetti mentali* alkwantu anterjuri jew posterjuri, għalkemm jistgħu jservu ta' ammminikoli, eppure ma jistgħux ikunu ritenuti bħala prova pjenament konvinċenti fil-każ ta' vizzju tal-menti temporanju jew rikorrenti (ara Journal du Palais, Qorti ta' Douai, 5 ta' Mejju 1850— Marcel, *Vol. 1852, 2, 609)*;

Dana jaqbel mal-loġika sana; il-għaliex l-attur li jkun aġixxa għan-nullità in bażi għall-kawżali ta' infermità abitwali ma jkollux bżonn ħlief jagħmel dik il-prova, u jkun b'hekk issoddisfa *l*-obligu *tiegħu* meta *jkun iġġustifika li qabel*, kontemporaneament, u wara t-testment, l-istess testatur kien afflitt b'infermità abitwali bħal follija jew demenza, u jkun inutili li jissostanzja probatorjament li dak it-testatur ikun hekk affett preċiżament fil-perijodu u mument ta' żmien meta jkun *fisser bil-fomm il-menti tiegħu lin-nutar li jkun kiteb l-istess* dispożizzjonijiet. Fl-ipotesi tal-vizzju tal-menti abitwali, fi kliem ieħor, pruvata l-abitwalità, it-testment magħmul mill-persuna hekk kolpita għandu jiġi preżunt li huwa invalidu, jekk ma jiġix minn min *isostni l-validità tiegħu pruvat li sar waqt dak li* jisseijaħ luċidu intervall (ara Merlin, Repertorio, vuċi Testamenti, sez. 1, § 1, Vol. XX, paġ. 306 u ta' wara; Troplong, Donazioni e Testamenti, 460);

Illi għall-validità ta' testment huwa biżżejjed li t-testatur *ikollu* l-kuxjenza, jew aħjar *li jkun jaf u jifhem* x'*ikun* qiegħed isir u li fil-fatt ikun sar, b'mod li mhux imprexindibilment meħtieġ li l-volontà intelliġenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorożament sana (ara Annali della Giurisprudenza Italiana, Vol. *XII, P.* I, *sez. 1, pag. 503,* Kassazzjoni ta' Torin, 19 ta' Lulju 1878, in re Biale c. Rua, u Vol. IV, P. II, paġ. 465, Appell Casale 20 ta' Diċembru 1866, in re Bellario utrinque). Del resto, il-kliem ta' l-art. 634 (d) tal-Kodiċi Civili jidhru li ġew mil-leġislatur adoperati f'sens *assolut*, b'mod *li taħthom* ma jistgħux jaqgħu persuni oħra li, għalkemm mhux mija fil-mija rigorożament sani mentalment (bħal ma huma dawk li jbagħtu biex jifhmu, ta' intelliġenza skarsa, ta' menti debboli, ta' idejiet strambi jew diżordinati, l-istravaganti, l-eċċentriċi, u simili), eppure ma jistgħux jingħadu li huma mhumiex f'sensihom. Anki l-ispirtu tad-dispożizzjoni jirrikonoxxi li huwa biżżejjed li bniedem ikun kon-

xju tiegħu nnifsu u ta' l-azzjonijiet tiegħu, sabiex ikollu l-kapaċità li jagħmel dispożizzjoni testamentarja;

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-ewwel fonti fir-riċerka in diżamina fuq imsemmija, jista' jingħad, in teżi ġenerali, qabel xejn, li t-testimonjanza tal-parenti tad-decujus u konoxxenti jistgħu jkunu tant ta' natura pożitiva kemm ta' natura negativa. Għalkemm l-ewwel klassi msemmija tiswa aktar mit-tieni klassi menzjonata, eppure dawk l-istess provi għandhom jiġu aċċettati u riċevuti b'ċerta riżerva prudenti; l-għaliex fejn tidħol l-umanità, il-persuni direttament jew indirettament interessati fil-kontroversja jistgħu, anki inkonxjament jew bla ma fil-fatt ikunu jridu jkunu in mala fede, jiddeformaw il-verità per mezz ta' l-awtosuġġestjoni jew l-eterosuġġestjoni;

Illi fil-verità, fil-każ in kwistjoni x-xhieda li nstemgħu jistgħu jaqgħu taħt il-qasma ta' dawk li huma direttament jew indirettament interessati, u ta' dawk li ma jistgħux ikollhom ebda interess pekunjarju, u ta' dawk li jista' jkollhom interess morali biss. Tabilħaqq, id-depożizzjonijiet ta' Carmelo Mifsud, Rosa Benedetti, Perinia Attard, Concetta Zerafa u wliedha, u Giuseppe Grech, huma kollha ta' persuni imparentati mad-decujus, u, magħmula eċċezzjoni għat-tfal ta' Concetta Zerafa, jinstabu fost l-atturi. Ix-xhieda l-oħrajn huma kollha estranei. Minn dawn l-aħħar xhieda, Carmela Lloyd u n-nurse Elizabetta Cuschieri (rispettivament fol. 81 u 86 tal-proċess) ma tantx jagħtu ebda affidament ta' eżattezzà, kif jidher mill-kontenut tagħhom, u evidentement jitkellmu fuq perijodu posterjuri għat-testment biżżejjed twil (15 u 17 ta' Ġunju 1947), apparti dak li sejjer jingħad aktar tard li rriżulta minn provi oħra. Id-depożizzjoni mbagħad ta' Paolo Caruana u Alfredo Coleiro huma assolutament, sa fejn umanament jista' jiġi affermat, diżinteressati, mentri l-oħrajn jistgħu jidħlu taħt dawk l-ispeċi ta' depożizzjonijiet li jista' (mhux li fil-fatt ġie pruvat li huma) ikun hemm dwarhom xi interess morali biss;

Illi huwa tajjeb li dina l-Qorti fl-eżami tagħha tipproċedi minn dak li huwa aċċertat bla diskussjoni. Hekk nafu fis-sigur:— (1) Li mart id-decujus mietet fit-28 ta' Marzu 1947 (ara dok. C); (2) li d-decujus mar l-ewwel darba l-Isptar tal-

Blue Sisters it-Tnejn fuq il-mewt ta' martu, ċjoè fil-31 ta' Marzu 1947 (ara depożizzjoni mhux kontrastata ta' Giuseppe Grech, fol. 80); (3) li d-decujus fit-13 ta' Settembru kien assolutament fl-istat ta' l-istaċel komplet kif deskritt fiċ-ċertifikat tat-tobba Dr. A. Paris u Dr. Carmelo Jaccarini (fol. 108), u li għal daka l-istat kien ilu miexi żmien mhux ta' ġimgħat, li rawh Dr. Paris u Dr. Jaccarini; (4) li fl-1 ta' Awissu 1947 saret il-prokura favur Dr. Giovanni Felice fl-attijiet tan-Nutar John Micallef Trigona;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li huma paċifikament aċċettati nafu li d-decujus fit-13 ta' Settembru 1947 kien wasal fi grad tali ta' mard li l-istat tiegħu kien dak ta' veru u proprju sfaċel mentali irriparabilment, ta' karattru abitwali u kroniku. Dana l-istat, skond it-tobba, ma kienx jirrimonta għal snin. Dina l-konstatazzjoni medika teskludi kwindi li huwa seta' kien f'dak l-istat meta miet ibnu f'Lulju 1945, għalkemm jirriżulta mix-xhieda li dina l-perdita, kif huwa naturali, kienet tagħtu ġewwa ħafna, u ta' spiss fil-konversazzjoni tiegħu, sew ma' niesu kemm mal-ħbieb tiegħu, kien isemmiha;

Illi in kwantu għall-epoka meta mietet il-mara tad-decujus (28 ta' Marzu 1947, dok. C), u meta, għal ħabta ta' Marzu 1947, Giuseppe Mifsud ġie għall-ewwel darba f'dina l-epoka meħud l-Isptar tal-Blue Sisters, id-depożizzjonijiet li jinstabu fil-proċess dwar il-kondizzjoni tad-decujus huma daqsxejn inkonċiljabili; saħansitra x'uħud mix-xhieda (ara depożizzjoni Concetta Zerafa fol. 74 u dik ta' Maria Brincat fol. 75 u Teresina Zerafa fol. 77 u ta' wara) riedu jgħidu li xi xahrejn jew tliet xhur qabel ma mietet mart Giuseppe Mifsud, dan l-aħħar imsemmi kien diġà spiċċa mentalment; imma, apparti dak li sejjer jingħad, l-istess attur Carmelo Mifsud ħalef li ħuh il-mejjet, sa ma ġie meħud il-Blue Sisters, qatt ma kien wera ebda disturbi mentali. L-istess ħaġa qal Dr. Emmanuele Caruana. Ix-xhieda l-oħra ma qalu xejn dwar l-istat ta' Giuseppe Mifsud qabel il-mewt ta' martu, imma illimitaw ruħhom biex jaffermaw fattijiet ta' manifestazzjonijiet mnemoniċi kompromessi fis-sens morali, diżorjentamenti u reazzjonijiet mhux normali di fronti għall-fatt tal-mewt subitanea ta' martu u wara dak il-fatt, liema alterazzjonijiet,

*minn kliemhom, jestendu ruħhom* anki għall-perijodu meta ġie meħud l-Isptar; u, dak li huwa sintomatiku, dawn il-modifikazzjonijiet minnhom markati ġew kważi kważi kollha ripetuti bla varjetà u b'monotonija markata minn kull deponenti bl-istess kliem;

Fortunatament, mix-xhieda ta' Paolo Caruana u Alfredo Coleiro, li kienu ħbieb ta' Giuseppe Mifsud, u li ma għandhomx interess fil-kawża, u lanqas huma imparentati mal-partijiet, nafu li huwa (1) wara l-mewt ta' ibnu baqa' jiltaqa' *magħhom tas-Sliema, Tower Road, fuq il-"front" kuljum,* u d-diportament tiegħu, kif ukoll id-diskors tiegħu, kien dejjem ta' bniedem f'sensih, għalkemm kien dispjaċut minħabba l-mewt ta' l-uniku tifel li kellu, u (2) wara l-mewt ta' martu ż-żewġ xhieda msemmija marru jarawh diversi drabi l-Blue Sisters, u dejjem sabu li fi kliemu kien koerenti, li l-memorja tiegħu fuq fattijiet, li setgħu mill-konoxxenzi personali li kellhom jivverifikaw, kienet eżatta u tajba, u wrew li taut is-sens morali baqa' normali, kemm l-emotività tiegħu *ma ġiet xejn affattu eżaġerata, imma baqgħet ordinarjament* korrenti. Anki n-Nutar Dr. Giuseppe Sammut u Dr. Giuseppe Pace, li kellhom okkażjoni jkellmu d-decujus f'dik l-epoka l-Isptar, billi ddiskutew miegħu affarijiet ta' ċerta importanza, ma sabux li Giuseppe Mifsud kien kolpit minn dak l-isfaċel mentali li kkonstataw xhur wara Dr. Antonio Paris u Dr. Carmelo Jaccarini. Tant dan huwa eskluż, li d-decujus, waqt il-qari tat-testment, għamel minn jeddu żewġ korrezzjonijiet li jirriżultaw li kienu fondati u eżatti;

*Dawn il-kondizzjonijiet favorevoli ta' l-istat mentali tad-*decujus għall-epoka ta' meta sar it-testment, indubbjament jeskludu l-kroniċità tal-marda li nstab li kellu d-decujus fit-13 ta' Settembru 1947, u li kienet għadha evidentement, skond il-provi, żgur ma daħlitx f'dik il-fażi, u forsi kienet għadha fi stat inizjali intermittenti, bla ebda disturb serju mentali irreparabili u ta' natura abitwali;

Fil-ħsieb tal-Qorti, prova oħra li turi li l-kuxjenza tad-decujus baqgħet intatta, jew aħjar jista' jingħad konservata, titnissel *mill-fatt relatat minn Carmelo Mifsud, ħu l-mejjet,* fissens li mal-lejl, waqt li mart id-decujus kienet għadha d-dar kadavru, l-istess Giuseppe Mifsud fetaħ kexxun u pprova jaq-

bad sikkina, imma ħuh kien pront jagħlaqlu l-kexxun u staqsieh (milli jidher wera bil-fatt li bid-dular kien sejjer jagħmel xi att inopportun, il-għaliex nies ta' ċerta klassi soċjali fid-dular għandhom it-tendenza ħafna drabi jkunu vjolenti, anzikkè rassenjati għall-volontà ta' Alla) x'kien sejjer jagħmel, u l-mejjet wiegħu "lanqas jiena stess ma naf"—dak li juri li huwa kien koxjenti li kien qiegħed jagħmel xi affarijiet li ma kellux jagħmel, u li kien skonċertat;

Jingħad inoltre li, jekk għandu jiġi emmnut Carmelo Mifsud, wieħed mill-atturi, meta huwa ssuġġerixxa lid-decujus biex jagħmel prokura ġenerali lill-avukat imsemmi fix-xhieda tiegħu għall-ħabta tal-1 ta' Awissu 1947, l-istess Giuseppe Mifsud aċċetta s-suġġeriment, u meta fil-jum fuq imsemmi ġieblu lill-avukat li ried, wara li għarfu, jew almenu deher lix-xhud li għarfu, innominah mandatarju ġenerali. Dan il-fatt huwa konfermat min-Nutar Micallef Trigona, li qal ukoll li qara liddecujus il-kontenut tal-prokura, u t-testatur deher li fehmu. Minn dana se maj jitnissel li sal-1 ta' Awissu 1947 id-decujus kien għadu ma wasalx fil-fażi tal-kroniċità tal-marda li kellu; u anki kieku, għal grazzja ta' l-argument jingħad, kellu jiġi ritenut li kien allura ħekk inkapaċitat abitwalment, dik il-prokura ma għandux jiġi minsi li saret tliet xhur ċirka wara t-testment li ġie attakkat, u ċjoè fi żmien alkwantu posterjuri u mhux prossimu għall-istess att ta' l-aħħar volontà, f'liema epoka jew qabel liema epoka huwa importanti li tiġi pruvata l-marda fil-kroniċità tagħha (ara P.A. Ċivili 16 ta' Ottubru 1883, "Paolo Schembri et. vs. Maria nata Galea", Vol. X, p. 251);

Illi kwindi, kwalunkwe disturb li wera d-decujus fil-jum tal-mewt ta' martu, apparti l-eżaġerazzjonijiet tax-xhieda, se maj, ma kienux jikkompromettu profondament il-kapaċità intellettwali u l-libertà ta' determinazzjoni tiegħu irreparabilment u b'mod kontinwu, iżda, se maj, kif ġie dimostrat, b'mod temporaneu u transeunti;

Ikkunsidrat;

Illi kwantu għat-tieni fonti tar-riċerka dwar l-istat mentali tat-testatur "de quo dicimus", u ċjoè tar-responsi u dikjarazzjonijiet tat-tobba kuranti tiegħu, jista' jingħad mill-ewwel li għal dak li jirrgwarda l-perijodu jew epoka tat-testment ma għandniex ħlief id-depożizzjoni tat-tabib kuranti tiegħu Dr.

Emmanuele Caruana; il-għaliex dak li qal il-Professur Dr. H. Ferro huwa ta' importanza relativa, per kwantu korroborativa. Mit-tabib Caruana jidher li, għalkemm fl-epoka msemmija d-decujus kellu pressjoni għolja li tikkaġuna l-arterjosklerosi tal-vażi ċerebrali, eppure sal-mument li l-istess Giuseppe Mifsud mar wara l-mewt ta' martu l-Blue Sisters, ma weriex ebda ndizju ta' alterazzjonijiet fil-fakultajiet mentali tiegħu (ara dep. Caruana fol. 89); anzi l-istess xhud jiftakar li meta kienet għadha ħajja mart id-decujus, kien għamillu eżami mentali u ġie għall-konklużjoni li huwa kien "compos mentis". Jassigura l-istess xhud li l-pressjoni għolja u l-klawdikazzjoni intermittenti, li għalihom kienet fuq id-decujus saret konsulta mal-Professur Ferro, ma kienux jaffettaw il-kapaċità intellettiva u l-libertà ta' determinazzjoni ta' l-imsemmi Mifsud, kif lanqas ma ġiet intakkata l-memorja anki ta' fattijiet reċenti. Id-depożizzjoni tal-Professur Ferro (fol. 103) tiswa biss in kwantu tikkorrobora lil Dr. Caruana fl-assenza ta' indizji ta' anormalitajiet f'Guseppe Mifsud meta sar l-eżami tiegħu. Jirriżulta wkoll li meta kien taħt il-kura ta' Dr. Caruana, it-testatur kellu xi paresi parzjali li kienet iddumlu xi tlieta jew erbat ijiem u tgħaddilu; imma dawk il-leżjonijiet, meta jgħaddu, iħallu aktarx straxxiki nervużi anzikkè ta' natura mentali. Huwa fatt li l-orjentament u l-kuxjenza u l-poteri kritiċi jibqgħu ben konservati, mentri tawmenta l-emotività u tonqos il-kapaċità ta' fissazzjoni; liema diminuzzjonijiet ma jaffettawx in-natura mentali tal-bniedem;

Illi kwindi, anki dina r-riċerka hija favorevoli għat-teżi tal-kapaċità mentali tad-decujus "de quo";

Ikkunsidrat;

Illi dwar it-tielet riċerka tal-kapaċità mentali tad-decujus li titnissel mit-testment, l-istess trid tiġi eżaminata taħt tliet aspetti, u ċjoè:— (a) ta' l-eżami ta' l-att ta' l-aħħar volontà per sè; (b) tal-motiv jew motivi li jidħru, jekk fil-każ, espressi jew le, li jispirawh jew jispiraw xi dispożizzjoni attakkata; u (c) tal-kondizzjonijiet mentali u fiżiċi partikulari tat-testatur fil-mument tat-testment;

Illi għalkemm is-sustanza ta' testment mhix ta' importanza deċiżiva, il-għaliex tista' tkun suġġerita lit-testatur ad insaputa ta' kulħadd, eppure għandha l-importanza tagħha.

Dina l-importanza mbagħad tikber fil-miżurazzjoni tagħha meta jkun jirriżulta li t-testatur minn dejjem kien jesprimi ruħu fis-sens tad-dispożizzjonijiet minnu dettati. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in kwistjoni, jidher mid-dispożizzjonijiet, relativament qosra u sempliċi, kif del resto huwa tajjeb li jiġu redatti fl-attijiet ta' l-aħħar volontà, tat-testment publiku tad-decujus tal-5 ta' April 1947 (dok. B), li l-persuni li ġew benefikati huma l-parenti ta' l-istess testatur u tal-mara tiegħu — ħsieb li jirriżulta bejn wieħed u ieħor li kien jippre-eżistí fil-menti tat-testatur anki fil-ħajja ta' martu, u li flimkien magħha kellhom idea li jirrediġu, imma li fil-fatt ma laħqux għamlu l-għaliex mietet il-mara ta' Giuseppe Mifsud. Dana huwa konfermat mix-xhieda tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut li kien ħabib intimu ta' binhom, u li kien, meta kien għadu ħaj l-istess binhom, imur spiss għandhom u jitkellem ma' binhom u magħhom fuq hekk. Dik is-sostanza ma tikkontjenix ħlief dispożizzjonijiet kompatibili mas-sens komun, u ma jinstabux fiha xi idejiet deliranti jew, in partikulari, xi idejiet persekutorji, jew xi kontradizzjonijiet jew ħmerijiet;

Illi kwindi, dwar is-sustanza, ma jistax jingħad xejn li jivvulnera l-istess testment;

Illi dwar il-motiv jew motivi li ispiraw jew setgħu ispiraw it-testment, jingħad li espressament xejn ma jirriżulta mill-att attakkat. Jingħad però li testment li minnu jiġu prinċipalment gratifikati bħala eredi universali l-eredi leġittimi intestati huwa sostanzjalment ġust. Il-motiv li kien anima lill-konjuġi Mifsud jagħmlu dak li qal in-Nutar Sammut, meta kienu qegħdin jikkontemplaw l-att ta' l-aħħar ħajja, hekk importanti bħal ma huwa t-testment, baqa' jippersisti bejn wieħed u ieħor fid-decujus. L-unika modifika li saret kienet favur l-attur Carmelo Mifsud, persuna tal-familja. Anki l-legat lil Lulù Cefai, li kienet tiġi minnu, kien radikat fuq motiv minnu qabel it-testment espress, u li ndubbjament huwa ta' *umanità* u *lodevoli ħafna*, u, kif jirriżulta mix-xhieda tan-Nutar Dr. Giuseppe Sammut, kien anzi jeżisti minn mindu kien ħaj iben it-testatur;

Illi kwindi l-motivi li ispiraw u animaw id-dispożizzjonijiet ma jidhrux li kienu irraġjonevoli;

Illi dwar il-kondizzjonijiet mentali u fiżiċi tat-testatur fil-

waqt tat-testment, oltre dak li ġenerikament ingħad, jingħad li:— (1) Iċ-ċirkustanzi li taħthom it-testatur għamel it-testment ta' l-aħħar, fuq l-ormi ta' dak li wara diversi konferenzi kien sar diskors fuqu ferm qabel, juru li, jekk saru xi domandi lit-testatur, dan il-fatt ma jħassarx li d-dispożizzjonijiet ma ġewx dettati u voluti minnu. Del resto, testment magħmul fuq mistoqsijiet tan-Nutar mhux null, imma validu, għalkemm jista' jkun suspett (ara P.A. Ċivili 2 ta' Lulju 1897, in re "Abela vs. Gatt", Vol. XVI, P. II, pag. 92). F'dana l-każ ma hemmx raġuni li jiġi sospettat, l-għaliex ċirkustanzi anteċedenti jikkonfermaw dik il-volontà libera; (2) Li t-testatur jew xi ħadd b'inkariku tiegħu ċempel mill-Blue Sisters lin-Nutar Dr. Sammut biex jitla' għar-redazzjoni tat-testment fil-5 ta' April 1947, juri l-volontà ferma tad-decujus; (3) Id-diskussjoni u konferenza li t-testatur kellu man-Nutar u l-Avukat Pace, li ma innutaw ebda anomalija fl-imġieba tiegħu u kliemu, dak li juri li l-kapaċità mentali tiegħu ma kienetx inficjata; (4) Iż-żewġ korrezzjonijiet li t-testatur għamel lin-nutar waqt il-pubblikazzjoni tat-testment, liema żewġ korrezzjonijiet ġew annotati fuq l-abbozz, riżultanza li titnissel minn nutar u Dr. Pace, u li l-importanza tagħha hija kardinali sabiex tiġi affermata l-kapaċità mentali tad-decujus (ara Glaister, Medical Jurisprudence and Toxicology, 6th. edition 1938, Testamentary Capacity, page 460, u in ispeċje paġ. 462, fil-każ fejn sar l-istess ħaġa hemm ċitat fil-qiegħ tal-paġina, u li anki għalhekk ġie dikjarat testment validu);

Illi kwindi fuq dana l-pont it-teżi attriċi ma ssibx favur, u tikkonferma se maj li d-disturbi li wera fil-jum tal-mewt ta'' martu kienu allura ta' karattru temporaneu;

Illi l-fatt ta' l-interdizzjoni tad-decujus ma għandux x'jaqsam, għaliex l-istess kienet posterjuri għat-testment (ara dig. 1966/47);

Illi minn dana kollu li ġie affermat kumulativament għandha tiġi ffurmata l-opinjoni li għaliha wasal ukoll il-perit maħtur mill-Qorti, li d-decujus meta għamel it-testment in kwistjoni kien fil-fatt fi stat ta' kuxjenza limpida, b'mod li kien jaf x'inhuwa jagħmel u kien fil-pussess tal-libertà tiegħu volitiva sal-pont li jordna dak li ordna — konsona dina l-konklużjoni għal dak li huwa stabbilit fid-dottrina, li "melius esse

ut sustineantur testamenta quam corruant, publice enim expedit suprema hominum judicia exitum habere'';

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjeż jingħad li ċ-ċirkustanzi tal-każ jissuġġerixxu temperament. Tabilħaqq, ftit ġranet qabel it-testment mietet mart id-decujus, u dan kien tant ixxukkjat li wera xi modifikazzjonijiet fil-karattru tiegħu li setgħu ssospettaw ġenwinament lill-atturi fuq l-istat mentali tiegħu, speċjalment meta bniedem jikkunsidra li skond il-provi, kif ġie konfermat mill-perit, huwa kellu disturbi ta' natura temporanea. Jingħad ukoll li in segwitu d-decujus ġie interdett. F'każ fejn wieħed jista' jkollu fattezzi li jaqblu mal-preżenti l-ispejjeż ġew moderati minn dina l-Qorti, u s-sentenza tagħha fuq dan il-kap ġiet ukoll konfermata (ara Appell 23 ta' Ottubru 1922, in re ''Alessandro Gauci vs. Vincenzo Mercieca, P.A.A. et ne.'', Vol. XXV, P.I, paġ. 246);

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talba attriċi. L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, iżda dawk tal-perit tekniku (mhux dawk tas-seduti, li jibqgħu bla taxxa) jitħallsu nofs kull wieħed bejn il-kontendenti, b'dana li d-dritt tar-reġistru jibqa' għall-atturi; u in kwantu għall-ispejjeż tat-tieni talba, li ġiet provvduta fl-14 ta' Ġunju 1948, in kwantu għall-ispejjeż kollha u dritt tas-sekwestratarju ġudizzjarju, jitħallsu skond ir-rispettivi interessi tal-kontendenti. U b'hekk tponi fini għall-kawża f'din l-istanza.